A.L. 511 ta' l-2004

ATT TA' L-2000 DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

(ATT NRU. XXV TA' L-2000)

Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att" , il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elettriku.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu regoli għall-għoti ta' liċenzi dwar attivitajiet fis-settur ta' l-elettriku u jistipulaw ir-regoli li għandhom x' jaqsmu ma' l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-settur ta' l-elettriku f'Malta, id-dħul f'dak is-suq, it-tħaddim ta' sistema ta' tariffi ta' l-elettriku u r-regolament tagħhom, bil-għan li jinkiseb suq ta' l-elettriku kompetittiv, sigur u sostenibbli f'dak li hu l-ambjent, u li tiġi evitata diskriminazzjoni bejn dawn l-impriżi kemm dwar id-drittijiet tagħhom kemm dwar l-obbligazzjonijiet li jkollhom.

(3) Dawn ir-regolamenti jagħtu seħħ lid-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju, 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern ta' l-elettriku u jħassru Direttiva 96/92/KE.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"amministrazzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija/aspett ta' domanda" tfisser approċ globali jew integrat li jkollu l-għan li jinfluwenza il-kwantità u l-ħin tal-konsum ta' l-elettriku sabiex jitnaqqas il-konsum ta' enerġija primarja u *peak loads* billi tingħata preċedenza biex isiru investimenti f'miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, jew miżuri oħra, bħalma huma kuntratti

ta' forniment li jistgħu jiġu interrotti, iktar minn investimenti biex tiżdied il-kapaċità ta' ġenerazzjoni, jekk il-kuntratti msemmija jkunu l-għażla l-aktar effettiva u ekonomika, wara li jitqiesu l-impatt ambjentali pożittiv li jġib miegħu il-konsum imnaqqas ta' enerġija u s-sigurtà ta' l-aspetti tan-nefqa għall-forniment u d-distribuzzjoni li jkollhom x' jaqsmu ma' dan;

"distribuzzjoni" tfisser it-trasport ta' l-elettriku fuq sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-għan ta' kunsinna lill-klijenti, iżda mhux inkluż il-forniment;

"forniment" tfisser il-bejgħ, inkluż il-bejgħ mill-ġdid, ta' l-elettriku lill-klijenti;

"ġenerazzjoni" tfisser il-produzzjoni ta' l-elettriku;

"ġenerazzjoni distribwita" tfisser impjanti ta' ġenerazzjoni konnessi mas-sistema ta' distribuzzjoni;

"għejjun ta' enerġija li jiġġeddu" tfisser għejjun ta' enerġija li jiġġeddu mhux ġejjin mill-fossili (riħ, xemx, ġeotermali, mwieġ, frugħ u mili tal-baħar, qawwa ta' l-ilma, bijomassa, gass li joħroġ minn *landfill*, gass li joħroġ minn impjant għat-trattament tad-drenaġġ u bijogass);

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"impriża integrata orizzontalment" tfisser impriża li tkun qed twettaq mill-inqas xi waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni għall-bejgħ, jew trasmissjoni jew distribuzzjoni, jew forniment ta' l-elettriku, u xi attività oħra li ma għandhiex x' taqsam ma' l-elettriku;

"impriża integrata vertikalment" tfisser impriża li tkun qed twettaq mill-inqas xi waħda mill-funzjonijiet ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni u mill-inqas xi waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew forniment ta' l-elettriku;

"impriża relatata" tfisser impriża affiljata jew impriża assoċjata jew impriżi li jappartjenu lill-istess parteċipanti attivi;

"impriża ta' l-elettriku integrata" tfisser impriża integrata kemm vertikalment kemm orizzontalment;

"interkonnetturi" tfisser tagħmir użat biex jgħaqqad flimkien sistemi ta' l-elettriku;

"ippjanar għal żmien twil" tfisser l-ippjanar tal-ħtieġa għall-investiment fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni u trasmissjoni u distribuzzjoni fuq medda ta' żmien twil, bil-għan li tiġi sodisfatta d-domanda tas-sistema għall-elettriku u li jiġu żgurati l-fornimenti lill-klijenti;

"klijenti" tfisser klijenti kemm bl-ingrossa kemm finali ta' l-elettriku;

"klijenti bl-ingrossa" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li tixtri l-elettriku għall-finijiet li tbiegħu mill-ġdid ġos-sistema jew barra mis-sistema fejn tkun stabbilita;

"klijenti domestiċi" tfisser klijenti li jixtru l-elettriku għall-konsum domestiku tagħhom infushom, esklużi l-attivitajiet kummerċjali jew professjonali;

"klijenti finali" tfisser klijenti li jixtru l-elettriku għall-użu tagħhom infushom;

"klijenti mhux domestiċi" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li tixtri l-elettriku mhux għall-użu domestiku tagħha nnifisha u tinkludi kemm produtturi kemm klijenti bl-ingrossa;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"liċenza" tinkludi awtorizzazzjoni, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni;

"linja diretta" tfisser sew linja elettrika li tgħaqqad flimkien sit ta' produzzjoni iżolat ma' klijent iżolat, sew linja elettrika li tgħaqqad flimkien produttur ta' l-elettriku u impriża ta' forniment ta' l-elettriku, għall-forniment dirett tal-bini tagħhom infushom, sussidjarji u klijenti;

"massa bijoloġika" tfisser dik il-parti fil-prodotti, fl-iskart u fil-fdalijiet li ġejjin mill-agrikoltura, inklużi sustanzi ta' ħxejjex u annimali, fl-afforestazzjoni u fl-industriji li għandhom x' jaqsmu magħha, li bijoloġikament jkunu jistgħu jiddekomponu u jsiru ħaġa waħda ma' l-ambjent, kif ukoll dik is-sezzjoni ta' skart industrijali u muniċipali illi bijoloġikament hu possibbli, li la darba tiddekomponi ssir, parti mill-ambjent;

"obbligazzjoni ta' servizz universali" tfisser obbligazzjoni imposta fuq fornitur sabiex tiżgura li l-klijenti domestiċi kollha, u, meta l-Ministru jqis li jkun hekk xieraq, impriżi żgħar,

(jiġifieri impriżi b' inqas minn 50 persuni li jaħdmu fihom u b' *turnover* jew *balance sheet* ta' kull sena li ma jeċċedix l-erba' miljun lira), igawdu servizz universali, jiġifieri id-dritt li jiġu fornuti bl-elettriku ta' kwalità speċifikata fit-territorju tagħhom bi prezzijiet raġonevoli, li jistgħu jitqabblu b'mod faċli, ċar u trasparenti;

"obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku" tfisser obbligazzjonijiet imposti fuq impriżi ta' l-elettriku u fuq impriżi li joperaw fis-settur ta' l-elettriku, fl-interess ekonomiku ġenerali, u li jistgħu ikollhom x' jaqsmu mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà ta' forniment, regolarità, kwalità u l-prezz ta' fornimenti u l-ħarsien ambjentali, inkluża l-effiċjenza fl-enerġija u l-ħarsien tal-klima;

"operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni" tfisser persuna naturali jew ġuridika msemmija skond ma hemm fir-regolament 13;

"preċedenza ekonomika" tfisser il-gradwazzjoni ta' għejjun ta' forniment ta' l-elettriku skond kriterji ekonomiċi;

"produttur" tfisser persuna naturali jew ġuridika li tiġġenera l-elettriku;

"proċedura ta' offerti" tfisser il-proċedura li permezz tagħha kull ħtieġa addizzjonali li tkun ippjanata u kull kapaċità li għandha tiġi sostitwita jkunu koperti minn fornimenti ġejjin minn kapaċità ġdida li tiġġenera;

"servizzi anċillari" tfisser is-servizzi kollha meħtieġa għat-tħaddim ta' sistema ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni;

"sigurtà" tfisser kemm sigurtà fil-forniment u l-provvista ta' l-elettriku, kemm sigurtà teknika;

"sistemi interkonnessi" tfisser għadd ta' sistemi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni magħqudin flimkien permezz ta' xi interkonnettur wieħed jew aktar;

"trasmissjoni" tfisser it-trasport ta' l-elettriku fuq sistema ta' vultaġġ għoli u ta' vultaġġ aktar għoli interkonnessa bil-għan ta' kunsinna lill-klijenti finali jew lid-distributuri, iżda mhux inkluż il-forniment;

"utenti tas-sistema" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li tforni lil, jew li tiġi fornuta minn, sistema ta'

trasmissjoni jew distribuzzjoni;

Għoti ta' liċenzi.

3. (1) Ħadd ma għandu:

(i) jiġġenera l-elettriku;

(ii) iforni l-elettriku; jew

(iii) iwettaq xi funzjoni ta' operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni,

kemm-il darba ma jkollux liċenza maħruġa mill-Awtorità u jopera b' dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fil-liċenza:

Iżda l-Awtorità tista' toħroġ biss liċenzi tat-tipi li jinsabu fl-Iskeda 4 jew biex tirregola attivitajiet stipulati f'subregolament (2).

Kap. 272.

(2) Liċenza, permess jew arranġament maħruġa jew magħmula taħt l-Att dwar l-Enemalta biex issir xi attività kif speċifikat fis-subregolament (1) għandha bħala li tiskadi fil-31 ta' Diċembru, 2010, iżda, il-Koroporazzjoni Enemalta għandha tirreġistra ma l-Awtorità kull liċenza, permess jew arranġament fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Eżenzjonijiet.

4. Persuna li taqa' taħt il-kategoriji speċifikati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ma tkunx teħtieġ liċenza biex twettaq attivitajiet eżentati f'dik il-kategorija partikolari u tkun eżentata mir-regolamenti elenkati taħt dik il-kategorija partikolari.

Applikazzjonijiet.

5. (1) Applikazzjoni għal liċenza ġdida jew għat-tiġdid tagħha taħt dawn ir-regolamenti:

(i) għandha ssir bil-miktub u f'dik il-forma u jkun fiha dik l-informazzjoni skond ma l-Awtorità tista' titlob;

(ii) għandu jkollha magħha dawk id- drittijiet, garanziji bankarji u poloz ta' assigurazzjoni skond ma l-Awtorità tista' tistabbilixxi u tippreskrivi bħala li huma xierqa. Id-drittijiet kollha għandhom ikunu jistgħu jitħallsu meta ssir l-

applikazzjoni u kull garanzija bankarja u, jew poloz ta' assigurazzjoni jkunu effettivi mid-data meta tinħareġ il-liċenza u għandhom jibqgħu iseħħu għalkemm din tibqa' tiswa. Kull mgħax u piena, skond ma jiġu stabbiliti mill-Awtorità, għandhom jiġu mħallsa meta jkun hemm xi nuqqas fil-ħlas dovut tad-drittijiet:

Iżda liċenza mogħtija taħt dawn ir-regolamenti ma għandhiex teħles lil xi detentur ta' liċenza mill-ħtieġa ta' xi liċenza, permess jew awtorizzazzjoni oħrajn, jew minn obbligazzjoni li toħroġ minn xi liġi oħra.

Għoti jew ċħid ta' liċenza.

(2) Liċenza mogħtija taħt dawn ir-regolamenti tista' tkun tinkludi dawk il- kondizzjonijiet skond ma jidhru lill-Awtorità bħala li jkunu meħtieġa jew spedjenti, meta jitqiesu d-dmirijiet ta' l-Awtorità.

Sorveljar ta' detenturi ta' liċenza.

6. Meta l-Awtorità tiċħad li tagħti liċenza, dan għandu jiġi avżat lill-applikant bil-miktub mhux iżjed tard minn 28 ġurnata mid-deċiżjoni tagħha flimkien ma' dikjarazzjoni tal-motivazzjonijiet.

7. (1) L-Awtorità għandha tissorvelja l-attivitajiet ta' detenturi ta' liċenza u tiżgura li dawn ikunu konformi mal-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet tal-liċenza.

(2) Detentur ta' liċenza għandu jippermetti lill-Awtorità, u lil kull persuna oħra awtorizzata minnha għal dak l-għan, aċċess sħiħ għal ġo kull bini, stallazzjonijiet, kontijiet u *records* oħra kif ukoll kull informazzjoni taħt il-kontroll ta' detentur ta' liċenza skond ma' l-Awtorità tista' raġonevolment teħtieġ u skond ma tista' titlob għall-fini li tinvestiga kull ħaġa rilevanti biex tara jekk id-detentur ta' liċenza jkunx qed jikkonforma ruħu ma' dawn ir-regolamenti, ma' l-Att, mal-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-liċenza jew kull Direttiva maħruġa mill-Awtorità jew mogħtija minnha:

Irtirar, emenda jew sospensjoni ta' liċenza jew l-impożizzjoni ta' miżuri speċifiċi.

Iżda l-Awtorità għandha tkun, dwar informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba mingħand detentur ta' liċenza, taħt obbligazzjoni ta' konfidenzjalità u ma għandhiex tikxef dik l-informazzjoni kemm-il darba ma tkunx meħtieġa tagħmel dan bil-liġi jew b'ordni tal-qorti.

8. Meta detentur ta' liċenza jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi kondizzjoni tal-liċenza, l-Awtorità tista' tirtira, temenda jew tissospendi dik il- liċenza jew timponi miżuri speċifiċi, li tqis li jkunu meħtieġa u adatti biex ikun hemm konformità:

Manutenzjoni ta' *records*.

Iżda dawk il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati mal-grad ta' nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet tal-liċenza.

9. Detentur ta' liċenza għandu jissorvelja, jirreġistra u jżomm dik l-informazzjoni kollha ta' xorta teknika, finanzjarja, dwar servizz lill-klijenti, amministrattiva u operattiva u kull *record* dwar attivitajiet li jkollhom liċenza li jiġu preskritti fil-liċenza jew li l-Awtorità tista' tqis meħtieġa:

Trasferiment ta' liċenzi.

Iżda l-Awtorità tista' tordna l-mod kif detentur ta' liċenza għandu jżomm dawk ir-*records* u dokumenti li jaqgħu taħt dan ir-regolament.

10. (1) Detentur ta' liċenza jista' ma jittrasferix jew jassenja l-liċenza tiegħu lil xi persuna jew impriża oħra sakemm ma tingħatax l-approvazzjoni ta' l-Awtorità minn qabel u bil-miktub u sakemm ma jitħallsux dawk id-drittijiet ta' trasferiment, skond ma jista' jiġi ordnat mill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità tista' biss tiċħad il-kunsens tagħha għal dak it-trasferiment minħabba f'xi raġuni tajba u valida u dak iċ-ċħid jiġi avżat lid-detentur ta' liċenza u lir-riċevitur propost bil-miktub.

(2) Meta detentur ta' liċenza ikun korp ġuridiku jew xi korp ieħor ta' persuni, bdil fil-kontroll tal-proprjetà jew fl-amministrazzjoni ta' dak il-korp għandu jitqies bħala ekwivalenti għat-trasferiment tal-liċenza, u għandu jkun bla ħsara għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, trasferiment fil-kontroll tal-proprjetà ta' korp ġuridiku jew korp ieħor ta' persuni għandu jitqies bħala li jiġri f'kull każ meta trasferiment tal-kapital, ishma, *stocks* jew drittijiet oħra miżmumin fil-korp ġuridiku jew korp ta' persuni ieħor iwassal għal bdil fil-persuna li jkollha f'idejha l-kontroll f'dak il-korp.

Emenda, revoka u tmiem ta' liċenzi.

11. (1) Liċenza mogħtija mill-Awtorità tkun bla ħsara għal kull bidla, revoka jew tmiem skond dawn ir-regolamenti.

(2) Liċenza tkun mibdula:

(i) meta detentur ta' liċenza hekk jitlob, f'liema każ l-Awtorità tista' tibdel il-kondizzjonijiet jew il-ħtiġiet ta' dik il-liċenza; u

(ii) meta l-Awtorità ikun jidhrilha li liċenza għandha tiġi emendata, hija tista' temenda dik il-liċenza kemm bil-kunsens ta' detentur ta' liċenza, kemm mingħajru:

Iżda minbarra fil-każ ta' bidliet konformement mal-paragrafu (ii) u li jkunu meħtieġa urġentement fl-interess ġenerali ekonomiku, l-Awtorità għandha qabel ma tibdel liċenza toħroġ avviż fil-Gazzetta fejn turi xi tkun kull bidla proposta, ix-xorta ta' kull bidla u r-raġunijiet relattivi. Kull ilmenti jew oġġezzjoni dwar bidliet proposti jistgħu jsiru lill-Awtorità fi żmien tmienja u għoxrin (28) ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' dak l- avviż.

(3) Liċenza ma tibqax iktar valida, sew kollha kemm hi sew f'parti minnha, meta:

(i) jiskadi ż-żmien speċifikat fiha;

(ii) tiġri xi ħaġa jew ikun hemm ċirkostanzi li taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-liċenza jirriżultaw fit-tmiem tagħha,

(iii) issir rinunzja għaliha mid-detentur ta' liċenza;

(iv) jkun hemm insolvenza, stralċ jew falliment ta' detentur ta' liċenza, jew kompożizzjoni mal-krediturі tiegħu.

(4) Bla preġudizzju għar-regolament 8, l-Awtorità tista' tirrevoka l-liċenza, kollha kemm hi jew f'parti minnha, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(i) meta l-liċenza tkun ġiet mogħtija abbażi ta' informazzjoni li kienet mhux kompleta, qarrieqa jew mhux korretta f'xi dettal partikolari tagħha;

(ii) meta detentur ta' liċenza jonqos milli jagħmel dak li hemm fil-liċenza billi jonqos milli jipprovdi s-servizzi jew prodotti li dwarhom tkun inħarġitlu l-liċenza għal perjodu li jeċċedi mija u tmenin (180) ġurnata mid-data tal-ħruġ tal-liċenza, jew meta huwa jissospendi dik l-attività għal perjodu li jeċċedi mija u tmenin (180) ġurnata f'xi perjodu ta' tnax-il xahar:

Iżda l-Awtorità tista' ttawwal jew tqassar il-perjodu hawn qabel imsemmi għal raġuni tajba u valida li għandha tiġi avżata fil-kondizzjonijiet tal-liċenza;

(iii) meta d-detentur ta' liċenza ikun qiegħed jikser xi obbligazzjoni imposta b' dawn ir-regolamenti jew taħthom jew li tkun tinsab fil-liċenza, li fil-fehma ta' l-Awtorità dak il-ksur ikun ta' grad ta' severità biżżejjed biex jiġġustifika r-revoka tal-liċenza u, f'każ li jista' jkun hemm rimedju għal dak il-ksur, meta d-detentur ta' liċenza jkun naqas milli jirrimedja l-ksur f'dak iż-żmien raġonevoli li l-Awtorità tista' tkun tagħtu għal dak l-għan:

Iżda meta jsir xi ħaġa bis-saħħa ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità għandha tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità u hija għandha twassal il-ħsieb li jkollha li tirrevoka l-liċenza u r-raġunijiet għal dan lid-detentur ta' liċenza bil-miktub;

(iv) fil-każ li tiġri xi ħaġa jew ċirkostanza li, skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-liċenza, dawn ir-regolamenti u, jew l-Att, jawtorizzaw lill-Awtorità li tirrevokaha.

(5) Meta tiġi revokata l-liċenza kollha kemm hi, dik il-liċenza ma tibqax liċenza iktar valida:

Iżda meta l-liċenza tiġi revokata biss f'parti minnha, il-validità tal-liċenza kollha kemm hi għandha biss tiġi milquta jekk ikun jidher lill-Awtorità li dik il-parti tal-liċenza revokata ma tistax tinfatam mil-liċenza sħiħa:

Ġenerazzjoni.

Iżda wkoll ir-revoka ta' liċenza ma għandhiex teħles lid-detentur ta' liċenza minn xi responsabbiltà li toħroġ minn xi att jew omissjoni li jkunu ġraw qabel dik ir-revoka.

12. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 20(8) u 22, kapaċita ta' ġenerazzjoni ma għandux jiġi kostruwit kemm-il darba ma jkunx hemm awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità.

(2) L-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu mogħtija jew miċħuda abbażi ta' kriterji elenkati fi Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u għandha tippubblika dawn il-proċeduri u xi emendi sussegwenti li jistgħu jsirulhom, fi żmien xahar minn meta dawn isiru.

Thaddim tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(4) Meta l-Awtorità tkun qed tipproċessa l-applikazzjonijiet biex tinħareġ xi awtorizzazzjoni, hija għandha tqis id-daqs u l-impatt potenzjali ta' l-impjant ta' ġenerazzjoni li l-applikazzjoni jkollha x'taqsam miegħu.

13. (1) Il-Korporazzjoni Enemalta qegħda tissemma bħala operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni f'Malta.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun responsabbli biex jopera, jiżgura l-manutenzjoni u, jekk ikun meħtieġ, jiżviluppa s-sistema ta' distribuzzjoni fi nħawi speċifikati u, fejn ikun jgħodd, l-interkonnessjonijiet tiegħu ma' sistemi oħra kif ukoll jiżgura l-kapaċità tas-sistema għal żmien twil biex tirrispondi għal kull domanda raġonevoli tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jara li jkun hemm sistema ta' distribuzzjoni ta' l-elettriku sigura, ta' min joqgħod fuqha u effiċjenti f'Malta filwaqt li jiġi kkunsidrat sew l-ambjent.

(3) F' kull każ, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma għandux jiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew klassijiet ta' utenti tas-sistema, partikolarment favur azjendi kummerċjali jew impriżi relatati.

(4) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jipprovdi lill-utenti tas-sistema b' informazzjoni li jkollhom bżonn biex ikollhom aċċess effiċjenti fis-sistema.

(5) Meta jkun meħtieġ li tiġi prokurata enerġija biex tkopri t-telf u l-kapaċità ta' riżerva fis-sistema minn xi impriża oħra, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu juża regoli u proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq is-suq.

(6) Meta l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun qed jippjana l-iżvilupp tan-*network* ta' distribuzzjoni, huwa għandu jqis miżuri ta' amministrazzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija/aspett ta' domanda u, jew il-ġenerazzjoni distribwita li jistgħu jiġu adoperati minflok *upgrade* jew sostituzzjoni tal-kapaċità ta' l-elettriku.

(7) F'dak iż-żmien u wara li ssir dik il-konsultazzjoni li l-Awtorità tista' tordna, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jħejji u jippublika *network code*, kif soġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità, fejn jistabbilixxi d-disinn tekniku bażiku u l-ħtiġiet operattivi biex issir konnessjoni mas-sistema ta' distribuzzjoni ta' stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, l-istallazzjonijiet

ta' konsumaturi u linji diretti. In-*network code* għandu jkun wieħed oġġettiv u mhux diskriminatorju u jkun imfassal hekk li jkun: A.L. 65 ta' l-2001.

(i) jippermetti l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistema ta' distribuzzjoni effiċjenti, koordinata u ekonomika; u

(ii) jiffaċilita kompetizzjoni fejn permess fil-liġi.

Network code għandu jiġi avżat skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Proċedura għall-Provdiment ta' Informazzjoni fil-Qasam ta' *Standards* u Regolamenti Tekniċi u ta' Regoli fuq Servizzi ta' Soċjetà ta' l-Informatika.

L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tagħti direttivi, li jistgħu jinkludu kriterji ta' sigurtà tekniċi, lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni dwar dak li għandu jiġi speċifikat fin-*network code* u kull reviżjoni relattiva li għandha ssir mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(8) Sa dak iż-żmien li s-sistema ta' distribuzzjoni tkun konnessa ma' xi sistema oħra, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu, bil-għan li jżid is-sigurtà ta' forniment u jnaqqas l-ispejjeż ta' forniment, ikun responsabbli biex jeżamina l-impatt ta' interkonnessjonijiet ma' sistemi oħra u jekk ikun meħtieġ jiżvilupphom. Dan għandu jsir taħt id-direzzjoni ta' l-Awtorità, minħabba fl-impatt li dawk l-interkonnessjonijiet jista' jkollhom fuq il-kompetizzjoni fis-suq. Dispaċċ, bilanċar u servizzi anċillari.

14. (1) Il-Korporazzjoni Enemalta hija responsabbli għad-dispaċċ ta' impjant ta' ġenerazzjoni u għall-ibbilanċar tas-sistema ta' distribuzzjoni. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun ukoll responsabbli li jiżgura jekk xi servizz anċillari meħtieġ ikunx disponibbli, kif jista' jiġi ordnat mill-Awtorità.

(2) L-Awtorità tista' tgħarraf lill-Korporazzjoni Enemalta biex skond ir-regolament 20 jiżviluppa, bla ħsara għal kull approvazzjoni tagħha qabel id-dħul fis-seħħ u f'dak iż-żmien skond ma tista' tistabbilixxi:

(i) regoli għal *scheduling* u kriterji għad-dispaċċ li jkunu jqisu l-obbligazzjonijiet kuntrattwali inklużi dawk li joħorġu mill-ispeċifikazzjonijiet dwar il-proċeduri ta' l-offerti, l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku, il-preċedenza ekonomika li jinkiseb l-elettriku minn stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni disponibbli u l-kostrizzjonijiet tekniċi fuq is-sistema; u

(ii) regoli għall-ibbilanċar tas-sistema ta' distribuzzjoni ta' l-elettriku u l-ħlas li għandu jsir mill-utenti tas-sistema tan-*networks* tagħhom għall-iżbilanċ fl-enerġija u biex ikun hemm bilanċar fis-servizzi. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, inklużi regoli u tariffi, għall-għoti ta' dawk is-servizzi għandu jkun jirrifletti l-ispejjeż.

Konfidenzjalità fir-rigward ta' operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

Iżda, f'kull każ, dak it-tagħrif għandu jinħareġ fi żmien xahar minn meta tasal applikazzjoni mingħand l-ewwel produttur li ma jkunx Korporazzjoni Enemalta, għal awtorizzazzjoni biex jibni ġeneratur li jkun soġġett għal dispaċċ:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tivverifika li dawn ir-regoli huma oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

Firda interna u trasparenza tal-kontijiet.

Kap. 386.

15. Bla preġudizzju għar-regolament 7 jew għal kull dmir legali li jista' jkollu li jikxef xi informazzjoni, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jżomm il-konfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva li jikseb filwaqt li jkun qiegħed iwettaq xogħlu, u għandu jara li informazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu nnifsu, li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża, ma tiġi żvelata b'ebda mod diskriminatorju.

16. (1) L-impriżi ta' l-elettriku, tkun xi tkun is-sistema tagħhom ta' proprjetà jew forma legali, għandhom jifformulaw, jippreżentaw għall-verifika u jippublikaw il-kontijiet ta' kull sena tagħhom skond ir-regoli li jinsabu fl-Att dwar il-Kumpanniji għar-rigward tal-preparazzjoni ta' kull sena tal-kontijiet ta' kumpanniji b' responsabbiltà limitata. Impriżi li ma jkollhom ebda obbligu legali li jippubblikaw il-kontijiet ta' kull sena tagħhom għandhom iżommu kopja ta' dawk il-kontijiet fejn il-pubbliku jkun jista' jarahom fl-uffiċċju prinċipali tagħhom.

(2) L-impriżi ta' l-elettriku għandhom, fis-sistema interna ta' kontijiet tagħhom, iżommu kontijiet dwar l-attività ta' distribuzzjoni tagħhom bħalma kienu jkunu meħtieġa jagħmlu li kieku l-ħidma inkwistjoni tkun saret minn impriża separata, bil-għan li tiġi evitata kull diskriminazzjoni, konċessjoni ta' sussidji trasversali u distorsjoni tal-kompetizzjoni. Huma għandhom ukoll iżommu kontijiet, li jistgħu jkunu konsolidati, dwar attivitajiet ta' l-elettriku oħra li ma jkollhomx x' jaqsmu mad-distribuzzjoni. Id-dħul ta' flus mill-proprjetà tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun speċifikat f'dawk il-kontijiet. Meta jkun hekk adatt, huma għandhom iżommu kontijiet konsolidati dwar attivitajiet oħra li ma jkollhomx x' jaqsmu ma' l-elettriku. Il-kontijiet interni għandhom jinkludu

wkoll dikjarazzjoni ta' bilanċ u kont tal-profitti u tat-telf li jsir dwar kull attività.

(3) L-awditjar meħtieġ fis-subregolament (1) għandu partikolarment jivverifika li jinżammu l-obbligazzjonijiet biex tiġi evitata diskriminazzjoni u s-sussidji trasversali msemmija fis-subregolament (2). Dħul fis-sistema ta' distribuzzjoni.

(4) Il-kontijiet ta' kull sena għandhom jindikaw fin-noti tagħhom kull transazzjoni ta' ċerta entità li tkun saret ma' impriżi relatati.

17. (1) Meta ssir applikazzjoni lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minn persuna li tkun tixtieq issir utent tas-sistema, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu joffri li jagħmel ftehim għal konnessjoni mas-sistema ta' distribuzzjoni u l-użu tagħha, bla ħsara għat-tariffi pubblikati li jkunu ġew approvati skond ir-regolament 20. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-ftehim offruti għandhom ikunu skond in-*network code* u d-direttivi li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tagħti.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma għandux ikun meħtieġ jagħmel ftehim meta:

(i) juri, għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità, li ma jkollux il-kapaċità ta' distribuzzjoni meħtieġa; jew

(ii) juri, għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li ma jkunx fl-interess pubbliku li jipprovdi xi kapaċità addizzjonali biex jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet li kieku jiġu imposti b' dak il-ftehim; jew

(iii) meta jagħmel dak il-ftehim dan x'aktarx li jkun jinvolvi lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fi -

(a) ksur ta' xi ħtieġa ħierġa minn dawn ir-regolamenti u, jew l-Att, jew

(b) ksur tan-*network code*, jew

(ċ) ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenza lilu mogħtija taħt dawn ir-regolamenti; jew

(iv) il-persuna li tkun qed tagħmel l-applikazzjoni ma tobbligax ruħha li tintrabat biż-żmienijiet tan-*network code*

daqskemm dawk il-pattijiet ikunu japplikaw għal dik il-persuna; jew

(v) il-persuna li tkun qed tagħmel l-applikazzjoni mhix fil-pussess ta' liċenza valida meta liċenza hija meħtieġa skond regolament 4.

Linji diretti.

(3) Meta l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jiċħad milli jagħmel ftehim taħt is-subregolament (2), huwa għandu jinnotifika lill-applikant b' avviż fejn jagħti r-raġunijiet għal dak iċ-ċħid. Huwa għandu wkoll jipprovdi, bi ħlas raġonevoli li jkun jirrifletti l-ispiża biex jipprovdi dik l-informazzjoni, l-informazzjoni rilevanti dwar miżuri li jkunu meħtieġa biex jissaħħaħ in-*network*, jekk ikun mitlub li jagħmel dan mill-applikant.

18. (1) Meta l-aċċess għal *network* jiġi miċħud mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minħabba f'nuqqas ta' kapaċità, l-Awtorità tista' tawtorizza lill-applikant li jinċaħadlu l-aċċess biex jikkostruwixxi linja diretta mhux konnessa mas-sistema ta' distribuzzjoni għall-finijiet li jiffaċilita l-forniment ta' l-elettriku li dwaru tkun saret l-applikazzjoni għall-użu tas-sistema ta' distribuzzjoni u din tkun ġiet miċħuda.

(2) L-Awtorità tista' tiċħad li tawtorizza l-kostruzzjoni ta' linja diretta jekk l-għoti ta' dik l-awtorizzazzjoni jfixkel l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' xi liġi oħra. Għandhom dwar dak iċ-ċħid jingħataw raġunijiet motivati kif imiss.

Sorveljar tas-suq mill-Awtorità.

(3) Awtorizzazzjoni biex tiġi kostruwita linja diretta li tingħata mill-Awtorità taħt dan ir-regolament tkun teħtieġ lill-persuna li lilha tiġi mogħtija l-awtorizzazzjoni li tikkonforma ruħha ma' dawk il-kondizzjonijiet tekniċi u oħrajn, inklużi dawk li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-linji diretti jkunu kompatibbli mas-sistema ta' distribuzzjoni, daqstant kemm l-Awtorità tista' tispeċifika fl-awtorizzazzjoni.

19. (1) L-Awtorità għandha tissorvelja l-funzjonament tas-suq, fejn partikolarment tosserva:

(a) iż-żmien li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jieħu biex jagħmel il-konnessjonijiet u t-tiswijiet;

(b) Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni adatta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni dwar l-użu ta' *grid* u l-allokazzjoni ta' kapaċità lill- partijiet interessati, wara li titqies

il-ħtieġa li tiġi ttrattata informazzjoni mhux aggregata bħala waħda kummerċjalment konfidenzjali;

(ċ) *unbundling* effettiv tal-kontijiet sabiex jiġi żgurat li m' hemm ebda sussidji trasversali bejn attivitajiet ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni u forniment;

(d) il-pattijiet, kondizzjonijiet u tariffi għall-konnessjoni ta' produtturi ta' l-elettriku ġodda sabiex jiġi garantit li dawn ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, partikolarment meta jitqiesu sew l-ispejjeż u l-benefiċċji tat-teknoloġiji diversi ta' għejjun ta' enerġija li jiġġeddu, tal-ġenerazzjoni distribwita u tas-sħana u l-qawwa kombinati flimkien;

(e) il-limitu safejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu skond dawn ir-regolamenti;

(f) il-livell ta' trasparenza u kompetizzjoni.

Għandu jiġi ppublikat rapport mill-Awtorità ta' kull sena.

(2) Sa l-2010, l-Awtorità għandha sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, konformement mal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni, tipprovdi lill-Kummissjoni rapport dwar id-dominanza fis-suq, u l-komportament predatorju u anti-kompetittiv. Dan ir-rapport għandu, iktar minn hekk, jirrevedi t-tendenzi li jkunu qegħdin jinbidlu fil-proprjetà u l-miżuri prattiċi li jittieħdu fuq livell nazzjonali sabiex tiġi żgurata varjetà biżżejjed ta' atturi fis-suq jew il-miżuri prattiċi li jittieħdu biex jitkabbru l-interkonnessjoni u l-kompetizzjoni. Mill-2010' il quddiem, l-Awtorità għandha tipprovdi dak ir-rapport kull sentejn.

Setgħat u dmirijiet ohra ta' l-Awtorità.

Meta tqis li jkun hekk adatt, l-Awtorità għandha tipproponi lill-Ministru *policies* adatti għar-regolament, kontroll u trasparenza tas-settur ta' l-elettriku sabiex jiġu evitati kull abbuż ta' pożizzjoni dominanti, partikolarment għad-detriment ta' konsumaturi, u kull komportament predatorju. Dawn il-*policies* għandhom iqisu d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull leġislazzjoni oħra.

20. (1) L-Awtorità tkun responsabbli biex tapprova, qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ, il-metodoloġiji użati biex jiġu kalkolati jew stabbiliti l-pattijiet u l-kondizzjonijiet dwar:

(i) il-konnessjoni u l-aċċess man-*network*. Dawn it-tariffi, jew metodoloġiji, għandhom jippermettu li l-investimenti meħtieġa fin-*networks* isiru b' mod li jippermettu dawn l-investimenti jiżguraw il-vijabilità tan-*networks*;

(ii) l-għoti ta' servizzi ta' bilanċar;

(iii) il-provvista ta' l-elettriku lill-klienti aħħarin; u

(iv) ix-xiri ta' l-elettriku mill-Korporazzjoni Enemalta.

(2) Minkejja kull regolament ieħor, l-Awtorità għandha tippreżenta kull tariffa, struttura ta' tariffa jew mekkaniżmu ta' tariffa għal deċiżjoni formali mill-Ministru. Dawn it-tariffi, jew metodoloġiji jew bidliet fihom, għandhom jiġu ppublikati, flimkien mad-deċiżjoni għal adozzjoni formali. Kull ċħid formali, u kull ġustifikazzjoni relattiva, tat-tariffa kif ippreżentata lill-Ministru, għandhom jiġu ppublikati.

(3) L-Awtorità tista' teħtieġ operatur tas-sistema ta' distribuzzjonijiet, jekk ikun meħtieġ, li tibdel il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, tariffi, strutturi ta' prezzijiet, regoli, mekkaniżmi u metodoloġiji msemmija f'dawn ir-regolamenti, sabiex tiżgura li dawn ikunu proporzjonati u li jiġu applikati b' mod mhux diskriminatorju, u li l-impriżi li jiġu hekk ordnati jikkonformaw ruħhom ma' dawk id-direttivi.

(4) L-Awtorità għandha d-dritt tisma' u tiddeċiedi fuq kull ilment kontra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni dwar kull ħaġa koperta b' dawn ir-regolamenti. L-Awtorità għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn minn meta jaslilha l-ilment. Il-perjodu jista' jiġi mtawwal b' xahrejn oħra meta l-Awtorità tfittex li tikseb xi informazzjoni addizzjonali u mtawwal iktar bi ftehim ma' min jagħmel l-ilment. Il-perjodu jista' jerġa' jittawwal iktar bi ftehim ma' min jagħmel l-ilment. Dik id-deċiżjoni għandha tkun torbot kemm-il darba u sakemm ma tiġix annullata fl-appell.

(5) Il-Ministru jista' jordna lill-Awtorità bil-miktub, tissospendi l- applikazzjoni tar-regolamenti 12, 17, 18 u 22 sakemm l-applikazzjoni tagħhom tkun tfixkel it-twettiq, fil-liġi jew fil-fatt, ta' l-obbligazzjonijiet imposti fuq l-impriżi ta' l-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali u sakemm ma jintlaqatx l-iżvilupp tal-kummerċ daqstant li dan ikun imur kuntrarju għall-kompetizzjoni dwar klijenti skond dawn ir-regolamenti u l-Artiklu 86 tat-Trattat.

(6) L-Awtorità għandha tissorvelja, tirrapporta, u tipproponi miżuri lill-Ministru kull sentejn jekk:

(i) ikun hemm salvagwardji adegwati biex jipproteġu klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri biex jgħinuhom jevitaw id-diskonnessjoni u jipproteġu lill-klijenti finali f'żoni remoti; u

(ii) ikun hemm livelli għolja ta' ħarsien tal-konsumatur, partikolarment dwar it-trasparenza fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet kuntrattwali, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi ta' risolviment ta' lmenti. Sigurtà ta' forniment u miżuri ta' salvagwardja.

(7) Meta tkun qegħda twettaq il-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità għandha tikkoopera ma' awtoritajiet regolatorji oħra u mal-Kummissjoni b' mod trasparenti.

21. (1) Mill-inqas ta' kull sentejn, sal-31 ta' Diċembru l-iżjed tard jew skond ma jista' jiġi ordnat mill-Awtorità, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jabbozza u jippreżenta lill-Awtorità stima tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni disponibbli, ta' l-interkonnetturi ma' sistemi oħra, tal-kapaċità ta' distribuzzjoni attwali, tas-servizzi kollha anċillari u tad-domanda korrenti għall-elettriku kif ukoll tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni li x'aktarx ikunu konnessi mas-sistema, tal-ħtieġa għal interkonnetturi ma' sistemi oħra, tal-kapaċità ta' distribuzzjoni potenzjali, tas-servizzi kollha anċillari u tad-domanda għall-elettriku. L-istima għandha tkopri l-perjodu ta' ħames snin li jkunu ġejjin.

(2) L-Awtorità għandha tissorvelja l-istimi magħmulin skond is-subregolament (1) u jippubblikaw rapport kull sentejn, sal-31 ta' Lulju l-iżjed tard, li għandhom ikopru, partikolarment, il-forniment/bilanċ fid-domanda fis-suq, il-livell tad-domanda mistennija fil-futur u l-kapaċità addizzjonali prevista li tkun qed tiġi ppjanata jew li tkun taħt kostruzzjoni u l-kwalità u l-livell ta' manutenzjoni tan-*networks*, kif ukoll miżuri biex ikopru kull *peak demand* u jindirizzaw kull nuqqas previst fis-suq, u għandha tibgħat dan ir-rapport lill-Kummissjoni minnufih.

(3) Fil-każ ta' kriżi immedjata fis-suq ta' l-enerġija, u meta s-sigurtà fiżika jew is-sigurtà ta' persuni, l-apparat jew stallazzjonijiet jew l-integrità tas-sistema jkunu mhedda, il-Ministru jista' jordna lill-Awtorità bil-miktub, biex tieħu miżuri ta' salvagwardja temporanji. Dawk il-miżuri għandhom jikkaġunaw l-inqas tfixkil possibbli fil-funzjonament tas-suq u ma għandhomx ikunu aktar wiesgħa fl-iskop milli jkun meħtieġ biex tiġi rimedjata kull diffikultà immedjata li setgħet inqalgħet. L-Awtorità għandha Tfigħ ta' offerti għal kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida.

tipprepara rapport għall-Ministru li jkun jista' jiġi rrapurtat lill-Kummissjoni.

22. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolament 12, kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida tista' wkoll tiġi mibnija wara proċedura ta' sejħiet għall-offerti jew kull proċedura ekwivalenti fit-trasparenza u bla diskriminazzjoni, abbażi ta' kriterji pubblikati għall-kapaċità ġdida jew miżuri ta' amministrazzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija u maniġment tad- domanda. Il-Ministru jista' ukoll jahtar awtorità oħra jew korp pubbliku jew korp privat indipendenti mill-ġenerazzjoni, it-trasmissjoni, id-distribuzzjoni u attivitajiet ta' forniment ta' l-elettriku bħala dik l-entità li tkun responsabbli għall-organizzazzjoni, is-sorveljar u l-kontroll tal-proċedura ta' sejħiet għall-offerti. Dik l-entità għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura l-konfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tkun tinsab fl-offerti.

(2) L-Awtorità għandha tavża lill-Ministru meta sejħiet għall-offerti huma meħtieġa:

(i) jekk, abbażi tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni, il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li tkun qegħda tinbena flimkien mal-miżuri ta' amministrazzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija/ u maniġment tad-domanda li jkunu qegħdin jittieħdu ma jkunux biżżejjed biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment:

Iżda għandhom jitqiesu offerti għall-forniment ta' l-elettriku b'garanziji għal żmien twil minn unitajiet ta' ġenerazzjoni li diġà jeżistu, sakemm ikunu jistgħu jiġu sodisfatti ħtiġiet addizzjonali b' dan il-mod; u

(ii) jekk fl-interess li jitħares l-ambjent jew li jiġu promossi teknoloġiji primittivi ġodda jekk ma jkunux qegħdin jintlaħqu dawn l-oġġettivi;

(3) dettalji tal-proċedura ta' offerti għal mezzi ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni u miżuri ta' amministrazzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija/aspett ta' domanda, għandhom jiġu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mill-inqas sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq għall-offerti;

L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta għandhom jkunu disponibbli għal kull impriża li jkollha interess biex hekk ikollha biżżejjed żmien li fih tista' tagħmel l-offerta.

Bil-għan li jiżgura t-trasparenza u ebda diskriminazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta għandu jkun fihom deskrizzjoni

dettaljata ta' l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u tal-proċedura li għandha tiġi segwita mill-offerenti kollha flimkien ma' lista eżawrjenti tal-kriterji li jirregolaw l-għażla ta' offerenti u l-għoti tal-kuntratt, inklużi l-inċentivi, bħalma huma sussidji, li huma koperti bl-offerta. Obbligazzjonijiet fuq il-fornituri.

23. (1) Skeda A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti tapplika għall-klijenti domestiċi.

(2) Fornituri ta' l-elettriku għandhom jispeċifikaw fil-kontijiet jew magħhom u f'materjal ta' promozzjoni li jintgħamel disponibbli lill-klijenti finali:

(i) il-kontribuzzjoni ta' kull għajn ta' enerġija għat-taħlita globali ta' karburanti tal-fornitur matul is-sena ta' qabel;

(ii) mill-inqas ir-riferenza għal sorsi ta' riferenza eżistenti, bħalma huma *web-pages*, fejn informazzjoni fuq l-impatt ambjentali, skond mill-inqas emissjonijiet ta' CO_2 li jirriżultaw mill-elettriku prodott bit-taħlita globali ta' karburanti tal-fornitur fuq is-sena ta' qabel, tkun pubblikament disponibbli. Ordnijiet ta' konformità.

Fornitur jista' jiġi awditjat mill-Awtorità sabiex tiżgura li l-informazzjoni provduta mill-fornituri lill-klijenti tagħhom konformement ma' dan is-subregolament tkun waħda ta' min joqgħod fuqha.

24. (1) Meta l-awtorità kompetenti ssir taf, sew jekk għax tkun qegħda twettaq investigazzjoni sew xort' oħra, li xi persuna soġġetta għal dawn ir-regolamenti tkun kisret xi disposizzjoni li tkun tinsab hemm fihom, hija għandha toħroġ ordni ta' konformità lill-persuna involuta, fejn tordnalha li tikkonforma ruħha minnufih mad-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.

(2) Persuna li tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' ordni ta' konformità maħruġa mill-kompetenti awtorità tkun ħatja, bla preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra taħt dawn ir-regolamenti, l-Att jew xi liġi oħra, ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elf lira għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat: Reati u pieni.

Iżda dawk il-multi magħdudin flimkien ma għandhomx jeċċedu l-ammont ta' għaxart elef lira.

25. (1) Persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' liċenza jew approvazzjoni maħruġa taħthom, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira.

(2) Persuna li, meta tintalab informazzjoni mingħandha mill-awtorità kompetenti li taqa' taħt dawn ir-regolamenti, xjentement jew bi traskuraġni:

(a) tagħti xi informazzjoni falza, mhux eżatta jew qarrieqa; jew

(b) tagħti informazzjoni mhux kompleta; jew

(ċ) tonqos, mingħajr kawża raġonevoli milli tagħti l-informazzjoni mitluba fiż-żmien mogħti lilha; jew

(d) ma tħallix issir jew tfixkel xi investigazzjoni; jew

(e) tipproduċi jew tipprovdi, jew tikkaġuna jew xjentement tippermetti li jiġi prodott jew provdut xi dokument jew informazzjoni li tkun taf li jkun falz f'xi dettal materjali, tkun ħatja ta' reat u tista' , meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elf lira.

Klawsoli speċjali biex jipprojbixxu abbuż ta' monopolju mill-Korporazzjoni Enemalta.

(3) Bla preġudizzju għas-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, meta persuna tonqos milli tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għal perjodu li jeċċedi s-sitt xhur, l-awtorità kompetenti tista' tirrevoka l-liċenza tagħha.

26. (1) Il-Korporazzjoni Enemalta għandha tipprepara proċeduri, suġġett għall-approvazjoni minn qabel mill-Awtorità, li jiżguraw li il-proċeduri li bihom tixtri l-elettriku jitwettqu b'indipendenza minn kull attività ta' ġenerazzjoni u ta' provvista elettrika u minn attivitajiet oħra li ma jkollhomx x'jaqsmu mat-tħaddim tan-*network*. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu sottomessi lill-Awtortia' fi żmien xahrejn mis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u jistgħu jiġu emendati mill-Awtorità meta jidrilha.

Ħassar A.L. 164 ta' l-2003.

(2) Il-Korporazzjoni Enemalta għandha iżżomm jew tixtri livell meqjus ta' ġenerazzjoni biex tilħaq livelli ta' min wieħed joqgħod fuqhom u kif stabiliti mill-Awtorità , għall-provvista tal-elettriku biex tilħaq id-domanda.

27. Ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Elettriku, huma b' dawn imħassra.

Skeda 1

Regolament 3

A. Eżenzjonijiet mill-ħtieġa li tintalab awtorizzazzjoni jew li persuna jkollha liċenza:

1. Produttur li:

(a) jipproduċi l-elettriku għal użu tiegħu biss;

(b) ma joperax parallel mas-sistema tad-distribuzzjoni; u

(ċ) jkollu total ta' l-ogħla kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' inqas minn 500 kilowatt;

ikun eżentat mir-regolamenti 3, 12, 13, 14 u 23.

2. Produttur li jkollu total ta' l-ogħla kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' inqas minn 3.7 kilowatt prodotti biss minn għejun ta' enerġija li jiġġeddu jew cogeneration, ikun eżentat mir-regolamenti 3, 12, 13, 14 u 23, biss ikun irid innotifika lill-Awtorità, f'manjera u forma li titlob l-Awtorità , qabel il-kostruzzjoni ta' tali impjant ta' produzzjoni, u jissottometti lill-Awtorità kull informazzjoni li tirrikjedi minn żmien għal żmien.

Skeda 2

Kriterji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet

Regolament 12

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tista' tkun stabbilita mill-Awtorità skond dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) li l-Awtorità tkun sodisfatta li, jekk tagħti l-awtorizzazzjoni, ebda attività li ssir taħtha ma tkun tolqot b' mod kuntrarju n-nuqqas ta' periklu u s-sigurtà tas-sistema ta' l-elettriku;

(b) li l-Awtorità tkun sodisfatta li, jekk tagħti l-awtorizzazzjoni, l-enerġija tkun se tintuża b' mod effiċjenti fil-kors ta' xi attività li ssir taħt l-awtorizzazzjoni;

(ċ) li l-Awtorità tkun sodisfatta li l-applikant ikun se jikkonforma ruħu ma' xi kodiċi ta' distribuzzjoni sakemm dan ikun japplika għall-applikant u li, fiż-żminijiet rilevanti, se jkollu l-kapaċità li jagħmel dan;

(d) li l-Awtorità tkun sodisfatta li l-applikant ikun beda, jew li jkun se jibda fiż-żmien adatt, japplika għal kull kunsens legali applikabbli li hu meħtieġ għall-kostruzzjoni ta' l-impjant li l-applikazzjoni għandha x' taqsam miegħu, u partikolarment kunsensi li jkollhom x' jaqsmu:

(i) mas-saħħa pubblika u s-sigurtà;

(ii) man-nuqqas ta' periklu u s-sigurtà tas-sistema ta' l-elettriku;

(iii) mal-ħarsien ta' l-ambjent, inkluża l-limitazzjoni ta' emissjonijiet fl-atmosfera, fl-ilma jew fuq l-art;

(iv) ma' fejn jitqiegħed l-impjant ta' ġenerazzjoni u l-użu ta' l-art;

(v) ma' l-użu effiċjenti ta' l-enerġija; u

(vi) max-xorta ta' għajn ta' enerġija primarja li għandha tiġi użata fl-istazzjon ta' ġenerazzjoni;

(e) li l-Awtorità tkun sodisfatta li l-istazzjon ta' ġenerazzjoni li tkun saret l-applikazzjoni dwaru jkun se jiġi kostruwit u kkummissjonat f'dak il-perjodu li l-Awtorità tkun se tispeċifika dwar kull applikazzjoni;

(f) li l-Awtorità tkun sodisfatta li l-istazzjon ta' ġenerazzjoni li tkun saret l-applikazzjoni dwaru jkun kapaċi li jipprovdi livell adatt ta' servizzi

anċillari li jkunu s-servizzi meħtieġa sabiex jiġi żgurat it-tħaddim stabbli u sigur tas-sistema ta' l-elettriku, inkluż il-provdiment ta' *spinning reserve*, qawwa reattiva, kontroll ta' frekwenza jew *black start capability*, kif speċifikat mill-Awtorità fl-awtorizzazzjoni;

(g) li l-Awtorità tkun sodisfatta li l-applikant ikun persuna adatta u idonea biex tiġi mogħtija awtorizzazzjoni u li jkollha l-kapaċità finanzjarja u l-maestrija teknika li twettaq l-attivitajiet li tkun saret l-applikazzjoni dwarhom u li tikkonforma ruħha ma' l-awtorizzazzjoni, jekk din tiġi mogħtija;

(h) li l-Awtorità tkun sodisfatta li l-applikant ikollu l-kapaċità jħares ir-regolamenti li jkunu saru mill-Ministru taħt l-artikolu 28 ta' l-Att dwar L-Awtorità ta' Malta Dwar ir-Riżorsi, partikolarment regolamenti li għandhom x' jaqsmu ma' l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku u l-ħarsien tal-klijenti.

Skeda 3

Miżuri dwar il-ħarsien tal-konsumatur rigward il-klijenti domestiċi

Regolament 23

Bla preġudizzju għal leġislazzjoni nazzjonali fuq il-ħarsien tal-konsumatur:

(a) Il-klijenti għandhom dritt għal kuntratt mal-provditur ta' servizz ta' l-elettriku tagħhom li jkun jispeċifika:

(i) l-identità u l-indirizz tal-fornitur;

(ii) is-servizzi provduti, il-livelli ta' kwalità ta' servizzi offruti, kif ukoll iż-żmien għall-konnessjoni tal-bidu;

(iii) jekk dawn jiġu offruti, it-tipi ta' servizz ta' manutenzjoni offruti;

(iv) il-mezz kif tista' tinkiseb kull informazzjoni aġġornata li tapplika għat-tariffi u l-ħlasijiet ta' manutenzjoni;

(v) għal kemm żmien idum il-kuntratt, il-kondizzjonijiet għat-tiġdid u t-tmiem ta' servizzi u tal-kuntratt, jekk ikunx hemm xi dritt li klijent jirtira minnu;

(vi) x' kumpens jingħata u xi ħlas lura jkunu japplikaw jekk ma jintlaħqux il-livelli ta' kwalità ta' servizz mogħti b' kuntratt; u

(vii) il-metodu kif jinbdew proċeduri għar-risolviment ta' tilwimiet.

F'kull każ, din l-informazzjoni għandha tingħata qabel ma jsir jew jiġi konfermat il-kuntratt. Meta l-kuntratti jsiru permezz ta' xi intermedjarji, l-informazzjoni hawn qabel imsemmija għandha wkoll tiġi provduta qabel ma jsir il-kuntratt;

(b) Ma għandhom ikunu mibdula ebda kondizzjonjiet kuntrattwali qabel ma jkun ingħata avviż adegwat lill-klijenti u qabel ma l-klijenti jiġu mgħarrfa bid-dritt li jkollhom li jirtiraw meta jingħata l-avviż. Il-provdituri ta' servizz għandhom javżaw lill-abbonati tagħhom direttament b'xi żjieda fil-ħlasijiet, u mhux iżjed tard minn ġimgħa mid-dħul fis-seħħ ta' dawk iż-żjiediet. Il-klijenti jkunu liberi li jirtiraw mill-kuntratti tagħhom jekk huma ma jaċċettawx il-kondizzjonijiet ġodda li jiġu lilhom avżati mill-provditur ta' servizz ta' l-elettriku tagħhom;

(ċ) Il-provditur ta' servizzi ta' l-elettriku għandu jipprovdi lill-klijenti b' informazzjoni trasparenti fuq il-prezzijiet u tariffi li japplikaw u fuq il-pattijiet u l-kondizzjonijiet normali, dwar l-aċċess għal servizzi ta' l-elettriku u l-użu tagħhom;

(d) Il-provdituri ta' servizz ta' l-elettriku għandhom joffru għażla wiesgħa ta' metodi ta' ħlas. Kull differenza fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet għandha tkun tirrifletti l-ispejjeż li jkollu jagħmel il-fornitur tas-sistemi ta' ħlas differenti. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ġenerali għandhom ikunu ġusti u trasparenti. Dawn għandhom jinkitbu b'mod ċar u li jiftiehmu. Il-klijenti ma għandhomx ikunu assoġġettati għal metodi ta' bejgħ mhux ġusti jew qarrieqa;

(e) Il-Korporazzjoni Enemalta għandha tippubblika b'mod ċar, fuq il-*website* tagħha, informazzjoni dwar id-dritt ta' aċċess għal servizz u ż-żminijiet, kondizzjonijiet u tariffi li japplikaw lill-klijenti li jkollhom dak id-dritt.

Skeda 4

Tipi ta' liċenzi li l-Awtorità tista' toħroġ

Regolament 3

L-Awtorità tista' toħroġ liċenzi ta' tipi li ġejjin:

1. Liċenza li tiġġenera, tiddistribwixxi u tipprovdi konsumaturi aħħarin:

Iżda Liċenza ta' dan it-tip tista' tinħareġ biss lill-Korporazzjoni Enemalta;

2. Liċenza li produttur jiġġenera elettriku għall-użu tiegħu stess; u

3. Liċenza li produttur jiġġenera elettriku biex jipprovdi l-Korporazzjoni Enemalta.